TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Carmela Saliba

vs

Apex Lifts Ltd - Emanuel Deguara

CCT105/19/MS

26 ta' Frar 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Awwissu 2019, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500), depozitu u pagament parzjali fuq bejgh u stalazzjoni ta' *chairlift* mixtri mis-socjeta' intimata, liema *chairlift* qatt ma gie stallat jew konsenjat.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata b'dawn il-proceduri, ma dahhlet l-ebda risposta u hadd mill-kumpanija ma deher quddiem dan it-tribunal biex jaghti x-xhieda tieghu.

Ra illi fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2019, it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' Frar 2020 u ordna li kopja tal-verbal jigi notifikat lis-socjeta' intimata.

Ra li ma kien hemm ebda ostakolu ghal prolazzjoni tas-sentenza.

Ra d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi u skond kuntratt esebit f'dawn l-atti (Dok CS1) li fit-2 ta' Novembru 2018 ir-rikorrenti Carmela sive Carrie Saliba ghamlet ftehim bil-miktub mas-socjeta' intimata rapprezentata mis-sur Emanuel Degaura ghal xiri u stalazzjoni ta' *chairlift* ghal prezz ta' €6,500. Hallset depozitu ta' €3,500 dakinhar stess u l-partijiet ftehmu li l-bilanc kellu jithallas f'pagamenti mensili ta' €250.00 kull xahar sat-2 ta' Dicembru 2019. Dan ic-*chairlift* kellu jigi konsenjat u stallat fl-indirizz tar-rikorrenti sal-25 ta' Jannar 2018 (sic 2019) (ara klawzola 3 tal-ftehim). Ir-rikorrenti tghid li hallset depozitu ta' €3,500 u regghet hallset €500 - i.e. ghamlet zewg pagamenti ta' €250.00.

B'kollox ghalhekk hallset is-somma ta' erba telef euro (€4,000.00). Tghid li kkunttatjat lill-intimat kemm - il darba pero' kull darba kien igib l-iskuzi u l-*chairlift* baqa' ma giex konsenjat. It-tifla taghha xehdet quddiem dan it-Tribunal u kkonfermat illi ommha kienet tat lis-sur Deguara depozitu ta' €4,000 u minkejja li kien iwieghda li ha jigi biex jinstalla c-*chairlift,* dejjem kien igib xi skuza - daqqa ghax ma wasalx il-container u daqqa ghax kien marid. Qalet ukoll illi kien wieghed lil ommha li ha jaghtiha c-cekk lura pero' anke dan m'ghamlux.

Ikkunsidra

Bil-proceduri odjerni, r-rikorrenti qieghda titlob li s-socjeta' intimata tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €3,500 rapprezentanti depozitu u hlas parzjali ta' merkanzija (*chairlift*) mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema *chairlift* qatt ma gie konsenjat u installat skond ftehim bejn il-partijiet datat 2 ta' Novembru 2018. Is-socjeta' intimata, ghad notifikata bl-avviz naqset milli tipprezenta risposta ghat-talba u lanqas dehret biex tirrispondi jew taghti l-versjoni taghha. In sostenn tat-talba taghha, r-rikorrenti ressqet bhala xhud it-tifla taghha Monica Barbara, li kkonfermat dak kollu li qalet ir-rikorrenti. it-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tal-intimat li b'xi mod jikkontrasta dak li qeghdin ighidu r-rikorrenti u bintha, u jhoss illi x-xiehda taghhom hija wahda verosimili u m'ghandu l-ebda raguni jiddubita minn dak li qeghdin ighidu.

lli bil-hlas ta' depozitu u l-accettazjoni tieghu, giet iffurmata relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet soggetta ghat-termini u kondizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt. Bin-nuqqas ta' konsenja tal-oggett mibjugh, l-intimat naqas illi jonora l-termini tal-kuntratt u dan jintitola lir-rikorrenti li titlob ghal rizoluzjoni tal-bejgh il-fatt illi ma ssemietx espressament din it-talba ma jfissirx illi ma tistax tiehu lura d-depozitu li hallset.

Fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti rnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti - tramite x-xhieda taghha u tat-tifla taghha - li hija effettivament hallset is-somma ta' erbat telef Euro ghall-merkanzija minnha ordnata, liema merkanzija qatt ma rceviet u qatt ma gie konsenjat u installat kif kien miftiehem. Ghalkemm ir-rikorrenti hallset €4,000, hija rreduciet it-talba taghha ghal €3,500, li huwa l-massimu li tista' titlob quddiem dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata u jew lill-intimat ihallsuha s-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata/ intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru